MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2006

Avviz Numru. 553/2005

**Carmelo sive Charles Aquilina**

**vs**

**Dr. Martin Fenech LL.D. nominat b'digriet ta' nhar it-18 ta' Jannar tas-sena 2006 biex jirrapprezenta lill-assenti Dolores u Steven konjugi Mason**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat it-22 ta' Novembru tas-sena 2005 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konjugi Dolores u Steven Mason quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Illi jhallsu s-somma ta' erbat elef, erba' mija u tnejn u hamsin Lira Maltin, (LM4,452.00,0), oltre l-imghax legali mill-15 ta' Novembru tas-sena 2005

rigwardanti xoghol t'elettriku u plumbing li saru f'Villa Massabielle, Triq N. Kopernicus, Mellieha, f'dawn l-ahhar tlett (3) snin u liema xoghol ghadu ma thallasx u dan skond Statement of Account hawn anness u mmarkat bhala Dokument A oltre xoghlijiet ohra li ghad fadlilhom isiru u li ghadhom mhux konteggjati;

2. Bl-ispejjez komprizi dawn tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 1785/05 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-21 ta' Marzu tas-sena 2006;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi l-attur kien gie imqabbad mill-konvenuti biex jaghmlilhom xi xoghlijiet fil-fond proprjeta' taghhom fil-mellieha;

Illi l-attur kien effettivament ezegwixxa x-xoghlijiet kollha li kien gie mqabbad jesegwixxi;

Illi hekk kif ittermina dawn ix-xoghlijiet il-konvenuti ma dehrux aktar f'Malta u fil-fatt jirrizulta attentat biex il-fond de quo jinbiegh;

Illi ghalhekk l-attur baqa' ma thallasx tax-xoghlijiet li kien ezegwixxa;

Illi l-ammont globali mitlub mill-attur ghax-xoghlijiet minnu ezegwiti jirrizultaw debitament ippruvati;

Illi sal-lum l-attur ghandu ma thallasx u ghalhekk qed issir il-kawza odjerna;

Ikkunsidrat:

Illi ghandu jkun pacifiku li l-attur ezegwixxa x-xoghlijiet involuti fil-fond proprjeta' tal-konvenuti;

Illi l-konvenuti ghadhom ma hallsux lill-attur l-ammont lilu minnhom dovut;

Ghaldaqstant din il-qorti hi sodisfatta li l-attur ipprova l-kaz tieghu skond il-ligiu konsegwentement:

1. Tikkundanna lill-konvenuti Dolores u Steven konjugi Mason biex ihallsu lill-attur Carmelo sive charles Aquilina l-ammont ta' erbat elef, erba' mija u tnejn u hamsin Lira Maltin, (LM4,452.00,0), rigwardanti xoghol t'elettriku fil-Villa maghrufa "Numira", gia' Villa Massabielle, Triq N. Copernicus, il-Mellieha;

2. Bl-ispejjez, oltre l-imghaxijiet legali skond il-ligi mill-15 ta' Novembru tas-sena 2005.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------